## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

# Laqgħa Nru. 27

l-Erbgħa 18 t'Awwissu 2021

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

**18 t' Awwissu 2021**

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 27.1 Żjara mill-Kappillan il-Ġdid.

27.1.01 Fr. Dominic Sultana għamel żjara lill-Kunsilliera qabel ma bdiet il-laqgħa tal-Kunsill. Kienet laqgħa kordjali ħafna.

## 27.2 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**27.2.01** n/a

## 27.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-26.

**27.3.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 26 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 27.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**27.4.01** Ċirkulari 5B/2021 – Politika għall-Gvern Lokali 2021. Id-Direttur Ġenerali rrefera għaċ-Ċirkulari 5 u 5A u wera d-dispjaċir tiegħu għan-nuqqas t'interess mill-Kunsilliera dwar dan is-suġġett. Risposta mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

**27.4.02** Direttiva 5/2021 – Proċedura ġdida dwar sejħa għal Segretarju Ezekuttiv ma Kunsill Lokali jew Reġjonali.

**27.4.03** Emejl mingħand id-Divizjoni għall-Gvern Lokali dwar Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021. Il-Kunsill ġie mitlub linji gwidi dwar il-kompetizzjoni tar-ritratti. Il-Kunsilliera qablu dwar dawn ir-regolamenti:

(a) Miftuħa għar-residenti tal-Għasri;
(b) Ikunu ritratti tal-Għasri li jkunu ta' kultura, natura, reliġjuza jew xeniċi;
(c) Jkunu ta' kwalita tajba;
(d) Fil-bord tal-għazla jkun hemm nies professjonisti fil-qasam tal-fotografija.

**27.4.04** Emejl mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar proposti għall-baġit 2022. Il-Kunsill m'għamilx proposti.

**27.4.05** Emejl mingħand Maria Zammit (Monitoring & Support) dwar *Accumulation of Vacation Leave from* 2021 to 2022). Is-Segretarja talbet permess biex jingarru nofs il-*leave* mis-sena 2021 għas-sena 2022. Il-

Kunsill approva unanimament l-akkumulazzjoni tal-*leave* tas-Segretarja Eżekuttiva.

**27.4.06** Ittra t'awtorizazjoni mit-TM għall-implimentazzjoni ta' Sinjali tat-Traffiku. Din l-awtorizazjoni hija limitata għal : (1) *Double Yellow Lines* fuq il-ġnub tal-garaxxijiet; (2) parkeġġi bojod; u 5 metri *Double Yellow lines* fil-kantunieri.

**27.4.07** Ċir AKL 2027/071 *Teambuilding* – AKL, Kunsilli Reġjonali ; Kunsilli Lokali u Diviżjoni għall-Gvrn Lokali. Attività li ser issir il-Ġimgħa 3 ta' Settembru.

**27.4.08** Ċir AKL 2021/077 Bajjiet li fihom jista' wieħed jieħu annimali domestiċi (klieb) jgħumu.

**27.4.09** Rapporti mill-*Contract Manager* tal-ġimgħat 22-30.

**27.4.10** Linja gwida biex jiġu nstallati CCTV fejn il-*bring in sites*. Il-Kunsill ser japplika skont din il-gwida.

**27.4.11** Stqarrija mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar ħlasijiet mir-residenti ġewwa l-Kunsilli Lokali. Dan wara li kien hemm abbużi.

**27.4.12** Talba mingħand resident fi Triq il-Knisja għall-installazzjoni ta' *bollards* fit-triq. Is-Sindku qal li hu kien ser imur *on-site* biex jara.

**27.4.13** Ittra mid-Direttur tal-Ambjent Malta fejn il-Kunsill ġie nformat li ġie magħżul għall-*funding* għall-proġett "Ġnien Kenn tas-Salvatur". L-Ambjent Malta ssuġġeriet li l-Kunsill jipprepara l-offerti sabiex kif joħroġ il-permess tal-Awtorita tal-Ippjanar dawn l-offerti jiġu ppubblikati. Il-Kunsilliera qablu li l-Perit inkarigat minn dan il-proġett għandu jipprepara dawn id-dokumenti fi żmien tlett ġimgħat.

**27.4.14** Emejl mingħand resident ta' Triq Wied Sara fejn talab sabiex l-ambjent naturali ma jitneħħiex. Il-Kunsilliera ma qablux li l-Kunsill għandu jwaqqaf ix-xogħol.

## 27.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**27.5.01** Il-Kunsillier Sammy Saliba talab sabiex issir talba lill-Gvern Ċentrali sabies jigu rranġati t-toroq arterjali. Is-Segretarja nformatu li t-talba diġa saret diversi drabi. Hi ser terġa tagħmel talba oħra.

**27.5.02** Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff informat lill-Kunsill li hi tkellmet ma Avukat f'isem is-sid tal-proprjetà tal-Pjazza fejn kien hemm l-għassa tal-pulizija u l-berġa dwar il-ħsarat estensivi li din il-proprjetà tħalliet fiha. Wara li saret komunikazzjoni mill-Avukat inkarigat Elizabeth Mintoff ġiet informata li ser issir spezzjoni minn Superintendent tal-Pulizija flimkien mal-Perit tagħhom.

**27.5.03** Ġie diskuss il-possibiltà li jitnaddaf il-passaġġ ta' Wied is-Seqer sat-tarf tat-Triq l-Għarb. Din il-biċċa ġiet imnadfa mill-Kunsill dan l-aħħar. Il-Viċi Sindku qal li hemm xi kwistjonijiet bejn il-familjari dwar jekk dan il-passaġġ għandux isir bil-konkos u għalhekk dan ma sarx. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li l-passaġġ sas-Salib jitnaddaf jekk inhu pubbliku.

**27.5.04** Is-Segretarja staqsiet dwar il-Premju Ġieħ l-Għasri 2021 u jekk il-Kunsill hux ser joħroġ sejħa. Kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ sejħa ta' nominazzjoni għar-residenti tal-Għasri.

**27.5.05** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace qal li tkellem mal-Kumitat tat-Tiġrijiet dwar "Is-Sugar Cup". Peress li t-tiġrijiet spiċċaw minn ġol-irħula u qed jissuġġerixxi li jibda jsir *tournament* imsejjaħ "Sugar Cup". Il-Kunsill ikun obbligat li jixtri t-tazza li tingħata u t-tazza oriġinali tibqa l-Kunsill.

## 27.6 Wirja Viżiva "On the Road";

**27.6.01** Is-Segretarja Eżekuttiva flimkien mal-Kunsillier Salvatore Felice Pace attendew laqgħa mad-Direttur MGOZ Cultural Heritage dwar wirja viżiva "On the Road". Ser issir wirja li ser tkun b'mod virtwali. Għal dan il-għan il-Kunsill irid jidenifika madwar 20 siti, personaġġi, attivitajiet kulturali, eċċ. Ir-ritratti jridu jkunu ta' kwalita tajba u għalhekk dawn ser jittieħdu minnhom stess. Il-Kunsill jrid jagħti tagħrif qasir dwar kull wieħed. L-ispejjes inkonnessjoni ma' din il-wirja ser jiġu mħallsa mill-Ministeru għal Għawdex iżda fl-aħħar ir-ritratti ser jingħataw lill-Kunsill.

## 27.7 Ħruġ tal-offerta għall-*Embellishment* fi Pjazza s-Salvatur;

**27.7.01** Is-Sindku qal li għad irid jiltaqa mal-persuna li qed jaħdem fuq l-offerta biex tiġi diskussa aktar. Il-Kunsilliera qalu mid-dokumenti li diġa għandu l-Kunsill ma jidħirx li huma kif jixtieq il-Kunsill. Il-Kunsilliera jixtiequ li jiġu sottomessi disinji minn *designer*/perit u wara jiġi nkarigat *contract manager*/perit biex jinħadem id-disinn magħżul. Din għandha tiġi diskussa fl-laqgħa tal-Kunsill aktar 'l quddiem.

## 27.8 Approvazzjoni tar-Rapport ta' Kull Kwart Jannar-Ġunju 2021;

**27.8.01** Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva dan ir-rappor unanimament.

## 27.9 Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerta tal-Ġbir ta' skart domestiku;

**27.9.01** Il-Vici Sindku Emmanuel Mintoff ma ħax sehem fid-diskussjoni sabiex ikun konformi mal-liġi. Dan għaliex hu għandu sehem fil-kumpanija li tefgħet l-offerta. Din l-offerta ħarġet mal-Kunsill Lokali San Lawrenz.

Il-Kunsilliera l-oħra flimkien mas-Sindku qablu mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzzjoni.  Qabel ma tingħata l-offerta jridu nistennew biex naraw jekk il-Kunsill Lokali San Lawrenz jaqbilx ma din l-istess rakkomandazzjoni.

## 27.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti; u

**27.10.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-27 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskedi kif ippreżentati ġew aċċettati mill-Kunsill. Kopji ta' dawn l-iskedi qed jinhemżu mal-minuti.

## 27.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**27.11.01** Il-laqgħa ntemmet fid-8.10 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 24 ta' Settembru fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, l-Erbgħa 18 t'Awwissu 2021.

| | |
|---|---|
| **FFIRMATA** | **FFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |